# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. IMHALLEF
# DR JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Dicembru 2016**

**Rikors Numru: 1014/2016JPG**

**Kawza Numru: 26**

**Fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament 343/16 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c (C2833)**

**vs**

**Vivienne Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Maria Carmel Pace (KI 0182835M), ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap.12 datat 7 ta' Novembru, 2016 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti saret taf bl-ezistenza tal-mandat fuq premess nhar l-1 ta' Novembru 2016, meta gie l-marixxal jhabbat mal-bieb taghha u qal lil bintha Josette Spiteri li trid tizgombra, mill-fond u dan minkejja li spjegatlu illi li ommha toqoghod fil-fond bil-kera u ma hemm xejn li jappartjeni lil Vivienne Ltd fil-fond, filwaqt li ma nghatatx kopja tal-istess mandat;*

*Illi l-esponenti tghix u tipposjedi b'titolu ta' lokazzjoni l-fond ossia l-appartamenit bin-numri 2, liema flat jinsab fil-5 sular meta ikkalkolat minn Saint Anne Square Sliema u liema apparatament jifforma parti minn blokka ta flats minghajr numru ufficjali maghrufha bhala Fawwara Building, fi Triq Guze Fava, Sliema, inkluz is-sehem indiviz tal-entratura indipendenti esklussiva li taghti ghal Triq Guza Fava gja Fawwara Lane, Sliema.;*

*Illi l-esponenti qeghdin tikri l-fond mertu tal-mandat de quo fl-ismijiet premessi minghand Vivienne Limited, li kienet propjetarja tal-istess fond;*

*Illi jigi premessi illi l-esponenti inghatat il-post gebel u saqaf u kienet hi li ramatu filwaqt illi ma jezistu l-ebda assi fil-propjeta de quo li jappartjenu lil Vivienne Ltd;*

*Illi permezz tal-mandat fl-ismijiet premessi, liema mandat gie ezegwit nhar it-1 ta'Novembru 2016, kontra s-socjeta propjetarja Vivienne Ltd, il-Bank of Valletta effetivament spicca zgombra lill-esponenti u dan stante illi hija tabita fil-fond in kwistjoni;*

*Illi l-esponenti qed issofri pregudizzju evidenti fl-ezekuzzjoni tal-mandat de quo kontriha u dan stante illi l-Bank of Valletta ma ghandha ebda titolu ezekuttiv fil-konfront taghha stante illi kwalunkwe decizjoni fl-ismijiet premessi hija res inter alios acta;*

*Illi l-ezekuzzjoni ta' mandat ta' zgumabrament ma ghandhux ifisser wkoll l-izgumbrament awtomatiku u minghajr sentenza tal-inkwilin li jabita u ghandhu titolu tajjeb u in buona fede sabiex jirrisjedi fil-fond;*

*Illi dan b'dan il-mod gew pregudikati serjament l-interessi tal-esponenti, apparti r-riskju ghas-sahha taghha, tenut kont tal-fatt li hija mara anzjana ta' tmenin sena;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jingib a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi n-notifika tal-mandat tal-izgumbrament bil-pubblikazzjoni u affissjoni huwa wiehed null stante illi:*

*(1) s-socjeta Vivienne Ltd hija struck off minn fuq ir-registru tal-kumpaniji u huwa impossibli illi tigi notifika skont il-ligi (kopja tad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala* ***Dokument A u B****);*

*Illi f'dan ir-rigward ghaddejjien proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Scicluna Louis et vs Ir-Registratur Tal-Kumpaniji ref 266/2016 bil-ghan illi s-socjeta terga tigi reintegrata fir-registru tal-kumpanniji;*

*(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost qed tigi eccepita n-nullita tan-notifika tal-istess mandat ta zgumbrament u dan stante illi l-kliem huwa wiehed errat:*

*"Billi wara l-ezekuzzjoni tal-mandat li ghalih jirreferi r-rikors ta' hawn fuq hemm ragunijiet skont il-ligi* ***ghala l-istess mandat m'ghandhux jibqa fis-sehh****" – Il-gazzetta l-Orizzont datata il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016*

*"Following the execution of the warrant to which the above application refers there are sufficient reasons according to law* ***why the same warrant should not continue in force****" – Il-gazzetta The Malta Independent 30 ta' Gunju 2016*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogogbha;*

1) *Tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-mandat fl-ismijiet premessi sakemm din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi l-mertu tal-kawza;*

2) *Tirrevoka contrario imperio l-mandat ta' zgumbrament numru 343 tal-2016 stante nullita; jew*

*3) Tirrevoka contrario imperio l-mandat ta' zgumbrament numru 343 tal-2016 parzjalment u cioe inkwantu jaffettwa lir-rikorrenti u t-titolu taghha u b'hekk tordna illi l-istess rikorrenti ghandha dritt tghix fil-fond u dan sakemm l-istess titolu taghha jigi terminat skond il-ligi*

*Bl-ispejjez"*

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Novembru, 2016 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-18 ta' Novembru, 2016;

Rat ir-risposta tas-socjeta Bank of Valletta p.l.c.(C2833) ghar-rikors ta' Scicluna Vivienne [0262174M], Louis Scicluna, pprezentat fis-7 ta' Novembru 2016 li jaqra hekk:

*1. "Illi, bir-rispett kollu dovut, is-sottomissjonijiet tal-Bank esponent in risposta ghar-rikors fuq imsemmi jinsabu gja enkapsulati fid-Digrieti u rikorsi moghtija minn Din il-Qorti u mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fuq strataggema simili, jekk*

*mhux kwazi identika, maghmula minn Vivienne Scicluna (li tigi bint l-istess rikorrenti) u zewgha fir-rigward tad-Duplex Flat numru* 3 u 4, *fl-istess blokka ta' appartamenti, Fawwara Buildings, Triq Guze` Fava, Sliema. L-esponenti qeghda ghalhekk hawn tezibixxi kopja tad-Digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fuq rikors simili 1330/2010 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Joecar Limited et" fis-7 ta' Jannar 2011 bhala Dok. "X1"; provvediment moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2011 mill-istess Digriet bhala Dok "X2", u kif ukoll sentenza moghtija minn Din l-Onorabbli Qorti – Citazzjoni numru 66/2012 fl-smijiet " Bank of Valletta p.l.c. vs Joecar Limited, Vivienne Limited u Lewis u Vivienne mizzewgin Scicluna" bhala Dok "X3"; B'lealta lejn Din l-Onorabbli Qorti l-esponenti tiddikjara li din l-ahhar sentenza ghada fi stadju ta' Appell. Ghandu jigi indikat ukoll illi Din ir-risposta qed issir fi tlett rikors li huma konkatenati u li saru mill-familja Pace u cioe` minn Maria Carmela Pace, Vivienne Scicluna u zewgha u Josette Spiteri, (l-istess Josette Spiteri hija ukoll bint l-istess Carmela Pace u Joseph Pace illum mejjet.)*

*2. Illi sintetikament, kif jirrizulta mill-imsemmija provvedimenti u sentenza, t-talbiet simili tar-rikorrenti bhal dak fir-rikors odjern gew michuda u l-esponenti ser tipprova, fil-qosor, telenka s-segwenti punti ghall-ahjar informazzjoni tal-Qorti. Fis-sottomissjoni tal-esponenti, ghandu jinghad illi ma hemm xejn irritu u null jew li ghandu jigi revokat jew sospiz la in toto u lanqas in parte, fil-Mandat ta' Zgumbrament fuq imsemmi jew fl-ezekuzzjoni tal-istess Mandat, stante li, kif jirrizulta minn dan il-mandat, dan inhareg wara sentenza ta' Din l-Onorabbli Qorti tad-19 ta' April 2010 li ordnat l-izgumbrament tas-socjeta' konvenuta gjaladarba is-socjeta' esponenti hija illum il-proprjetarja tal-istess fond, appartamenti numru tnejn (2) li jinsab fil hames (5) sular f' St. Anne Square, Fawwara Buildings Triq Guze Fava, Sliema. L-esponenti tirrileva illi dan il-fond gie liberst favur is-socjeta' esponenti xejn anqas minn hdax-il (11) sena u cioe fl-1 ta' Dicembru 2005 kif jirrizulta mill-imsemmija sentenza u ghalhekk ir-rikorrenti ilha tokkupa l-istess fond minghajr ebda titolu validu fil-Ligi u abbusivament sa minn dik id-data.*

*3. Illi, ghandu jigi nnotat, illi ghalkemm ir-rikorrenti tistqarr ili hija ghandha "kirja" fuq il-fond imsemmi fir-Rikors, l-istess rikorrenti l-anqas il-minimu rispett lejn din l-Onorabbli Qorti li tipprezenta kopja tal-istess skrittura ta' kera, ma dehrilha li ghandha turi, kif l-anqas uriet matul id-diversi snin. Ghandu jinghad, illi anke qabel ma inghat is-sentenza su rifferita tad-19 ta' April 2010, kienet inghaded din l-allegazzjoni ta' kirja imma imkien u qatt ma ingiebet l-ebda prova, la f'xi att tal-qorti - u dan jirrizulta mill-imsemmija sentenza ukoll, fejn il-konvenuti dejjem baqghu ma resqu l-ebda prova - u lanqas meta il-Perit nominat minn Din il-Qorti, fl-atti tas-Subbasta, acceda ghall-fond sbiex jaghmel l-istejjem. Jigi rilevat infatti li kif jirrizulta mill-atti tas-subbasta li kopja taghhom tinsab esibita fl-atti tal-kawza deciza fid-19 ta' April 2010, il-fond meritu ta dawn il-proceduri gie liberat favur l-esponenti kif deskritt mill-istess Perit Arkitett u cioe bhala liberu u franka minn kull dritt rejali jew personali u bil-pussess battal.*

*4. Illi, bir-rispett kollu dovut, mill-atti stess jirrizulta li ma jistax ikun li ir-rikorrenti ma kienetx taf li ghandha tizgombra u li qisu kienet hadet xi sorpriza fl-1 ta' Novembru 2016 biex taghmel dan, gjaladarba mill-atti jirrizulta li matul is-snin, hi u zewgha Joseph Pace, ghan-nom tas-socjeta' Josette Limited, Joecar Limited u / jew Joecar Limited, it-tlieta kumpaniji tal-istess familja Pace, fejn Joseph u Maria Carmela Pace huma azzjonisti, kif inhuma ukoll l-ulied Vivienne Scicluna u Josette Spiteri f'uhud mill-kumpaniji, kienu gew notifikati b'diversi atti gudizzjarji u dan huwa ukoll dak li ippronunzjat ruhha dwaru il-Qorti fis-sentenzi u provvedimenti fuq imsemmija.*

*5. Illi, bir-rispett kollu dovut, l-Onorabbli Qorti tal-Appell gja iddikjarat illi talbiet simili ghar-revoka ma humiex fondati gjaladarba l-izgumbrament li qed jintalab b'dan il-Mandat ma huwiex kontra il-persuna fisika u cioe ir-rekorrenti - ghalkemm din ukoll qed tokkupa l-istess fond illegalment - imma kontra is-socjeta' li kontra taghha hareg l-istess Mandat. Fis-sentenza surriferita (Dok. "X2"), l-Onorabbli Qorti tal-Appell, gja kienet stqarret dak li jistghu jaghmlu persuni illi jkunu qed jikupaw fond f'sitwazzjonijiet simili* ***"jekk verament dawn kellhom titolu fuq il-post"****, "mhux li tirrevoka il-Mandat fil-konfront taghhom, meta fil-fatt ma*

*inhareg l-ebda Mandat kontra taghhom, i", imma se mai, li it-talba trid tkun biex il-Qorti tiddikjara "li il-Mandat li inhareg kontra iz-zewg kumpaniji ma jkunx inforzabbli fil-konfront ta' dik il-persuna", li qed tokkupa il-fond, dejjem , u hawn ghamlitha cara l-Onorabbli Qorti tal-Appell, dejjem jekk verament dawn ikollhom titolu validu fuq il-post.*

*6. Illi l-esponenti umilment tissottometti ukoll li tajjeb ukoll jigi senjalat, illi permezz ta' sentenza moghtija minn Din l-Onorabbli Qorti, fit-30 ta' April 1998 fl-ismijiet "***Bank of Valletta p.l.c vs Brittania Catering Company Limited, Vivienne Limited, Josette Limited u Joecar Limited** *– Citazzjoni numru 255/1996 – is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-imsemmija konvenuti, fis-somma ta' miljun u wiehed u erbghin elf, sitt mija u hames Ewro u ghaxar centezmi (€1,041,605.10) flimkien mal-imghax legali mill-1 ta' April 1996 sad-data tal-effettiv pagament. Minn dak inhar ghaddew naturalment ta l-anqas ghoxrin (20) sena imghax – u cioe 160% - fuq l-imsemmija somma. Di piu', il-familja Pace inghatat diversi facilitajiet bankarji ohra fosthom dawk bi tlett kuntratti tat-12 ta' Awwissu 1994 fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat fejn is-socjetatjiet, Joecar Limited, Vivienne Limited u Josette Limited inghataw facilitajiet bankarji u kuntratti u tlett kuntratti in atti n-Nutar Dottro Joseph Vassallo Agius tad-29 ta' Jannar 1999 fejn is-socjetajiet Joecar Limited, Vivienne Limited u Josette Limited ikkostitwew rwiehhom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta' esponenti. Ghandu jinghad ukoll li hemm debiti ohra tal-familja Pace dovuti lill-Bank. Illi parti il-kbira ta' dan id-debitu ghadu ma thallasx u bl-esekuzzjonijiet kollha li ghamel il-bank, il-bank ghadu kreditur tal-imsemmija socjetajiet u tar-rikorrenti f'somom ingenti.*

*7. Illi, l-esponenti taghmel ukoll riferenza ghall- ahhar tlett kuntratti tan-1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Vassallo Agius, ghaliex fl-imsemmija kuntratti, il-familja Pace konsistenti f'Joseph u Maria Dolores Pace, Vivinne Scicluna u zewgha, Josette Scicluna u zewgha, obbligaw ruhhom "not to lease or allow third parties to use the hypothecated properties under any title without the bank's prior consent", f'liema kuntratti kienu partijiet kontraenti ukoll anke l-istess rikorrenti personalment; Allura, kieku verament saru dawn il-kirjiet bejn il-kumpaniji tal-*

*istess familja Pace u l-istess rikorrenti dawn saru espressament kontra dak li obbligaw ruhhom l-istess kumpaniji Joecar Limited, Vivienne Limited u Josette Limited u addirittura ukoll l-istess rikorrenti personalment. Dan minbarra il-fatt, illi kif gja gie dikjarat bis-sentenza su riferita "Dok. X3" tad-9 ta' Gunju 2014, tali' kirjiet anke kieku verament saru, ikunu nulli fil-konfront ts-socjeta' esponenti inforza tal-actio paoliana.*

*8. Illi, l-esponenti umilment tissottometti ukoll, fir-rigward tar-Rikorsi illi saru fl-14 ta' Novembru 2016, fejn intalbet is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-Mandati ta' Zgumbrament, illi l-anqas din ma' tista' tintalab, u dan fuq l-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fuq imsemmi.*

*9. Illi, ghandu jinghad ukoll, illi, it-tieni parti tat-tielet talba hija ukoll irrita, stante illi ai termini tal-Artikolu 281, Din l-Onorabbli Qorti ma tistax " Tordna illi l-istess rikorrenti ghandha dritt tghix fil-fond 2". Din hija dikjarazzjoni, li se mai, trid issir permezz ta' proceduri ohra ad hoc u mhux taht l-Artikolu 281 u dan ukoll gie senjalat mid-Digriet moghti minn Din l-Onorabbli Qorti (Dok. "X1") u mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Dok. "X2") hawn annessi.*

*10.Illi, ghalhekk, bir-rispett kollu dovut, it-talbiet kollha tar-rikorerenti ghandhom jigu michuda gjaladarba il-Mandat ta' Zgumbrament qed isegwi sentenza proprju ta' Din l-Onorabbli Qorti, kontra is-socjeta' intimata u l-esponenti ghandha l-interess illi ikollha l-izgumbrament effettiv tal-istess socjeta' intimata, dejjem minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra li jista' ikollha bzonn is-socjeta' esponenti tiehu kontra ir-rikorrenti personalment, imhabba l-okkupazzjoni, minghajr titolu, u abbuziva taghha fil-konfront ts-socjeta' esponenti tal-istess fond.*

*11.Illi, ghandu jinghad ukoll illi fir-rigward tar-Rikors 1011/2011 JPG maghmul allura issa mir-rikorrenti Vivienne Scicluna, Louis Scicluna,Maria Carmela Pace u Josephine Spiteri, l-anqas it-titolu ta' kera mhu qed jigi vantat imma jippretendu l-istess rikorrenti, illi ghandhom id-dritt jibqghu jokkupaw illegalment u abbusivament tali' penthouse u washrooms, "bhala accessorju tal-fondi l-ohra li*

*huma jipposjedu fil-binja l-ohra bl-isem Fawwara Buildings"! Is-socjeta' esponenti jidhrilha illi kull kumment iehor rigward dan l-aspett huwa superflu.*

*Ghar-ragunijiet su esposti, l-esponenti tissottometti, illi it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni taghha tal-5 ta' Dicembru 2016, li fih inghata digriet;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Vivienne Scicluna** xehdet a fol 25 – 27 illi missierha kien akkwista il-blokk ta' Fawwara Building, u kien hemm ftehim ta' kera bejniethom. Spjegat li hija kienet kriet l-appartament taghha gebel u saqaf u irrangatu bi flusha, u kienet tghaddi l-kera lil ommha. Spjegat ukoll illi l-appartament taghha huwa in-numru 6 u 7, ta' ommha 5 u ta' ohtha 4. Qalet illi l-iskrittura ta' kera kienet saret fl-1999 u kienu marru joqoghdu f'dawn l-appartamenti fis-sena 2000. Ziedet illi peress illi m'ghandhomx proprjeta ohra apparti dan l-appartament, m'ghandhomx fejn imorru joqghodu jekk jigu zgumbrati. Ziedet ukoll illi huma m'accetawx il-wirt ta' missierhom.

Xehdet ukoll illi huma m'ghandhom l-ebda involviment fis-socjetajiet Joecar Limited, Vivienne Limited u Josette Limited, u dan anke fil-bidu meta kienet direttur ghaliex kienet biss direttur tal-kelma. Ziedet illi lanqas biss taf fejn hu l-ufficju registrat ta' dawn il-kumpaniji.

**In kontro-ezami** a fol 27 – 29 xehdet illi tiftakar li l-istess kwistjoni kienet mertu ta' diversi kawzi quddiem il-Qorti. Ftakret ukoll illi f'kuntratt huma kienu ddikjaraw illi l-kumpaniji taghhom ma kienux ser jikru dawn l-appartamenti, lanqas lilhom stess.

**Josette Spiteri** xehdet a fol 30 – 32 illi hija toqghod fl-appartament numru 4, Guze Fava Street, Tas-Sliema u ilha toqghod hemm mis-sena 1999, u dan wara li saret skrittura ma' ommha. Spjegat illi meta dahlet fl-appartament kien ghad hemm x'tirranga fih u kienet tghaddi l-kera lil ommha.

**In kontro-ezami** a fol 32 – 38 u mistoqsiha rigward il-fatt illi l-appartament kien ta' kumpanija li kien jiffirma ghaliha missierha biss u mhux ommha wiegbet illi ma tafx u f'dawn l-affarijiet ma tifihmx. Qalet illi hija kienet thalli f'idejn missierha u kienet taghmel dak li jghidlha hu. Xehdet illi meta kien ikun hemm xi karti mwahhlin mal-bieb kienet tghaddihom lil missierha minghajr ma taqrahom, u qatt ma kienet hemm meta mar xi perit tal-Qorti. Barra minn hekk missierha qatt ma kien jghidilha b'xejn, u anzi kien jghidilha biex il-karti tghaddihom lilu halli jiehu hsieb hu.

**Carmen Pace** xehdet a fol 39 – 40 illi hija tigi l-mara ta' Joseph Pace u li biex ma jinkwetahomx ir-ragel taghha ma kien jghidilhom xejn b'dak li kien tan tilli lanqas biss kien jghidilha li kien qed imur il-Qorti u dana il-ghaliex hija kienet tbati b'kondizzjoni f'ghajneja tant illi tilfet il-vista. Mistoqsija jekk uliedha kienux ihallsuha kera wiegbet illi gieli kienu jaghtuha xi haga ghaliex hija riedet tghix ukoll peress illi wara li hadulhom kollox il-pensjoni ma kienetx bizzejjed biex tghix. Xehdet ukoll illi jekk tigi zgumbrata mir-residenza taghha m'ghandha l-ebda post alternattiv fejn tmur tghix.

**In kontro-ezami** a fol 40 – 42 xehdet illi r-ragel taghha qatt ma kien qalilhom illi l-bank kien offrilhom post iehor, u cioe l-appartament numru 5, High Street, Stainbridge Court, fejn setghu imorru joqghodu kollha kemm huma inkluz uliedhom u dan bhala **arrangament temporanju** sakemm isibu akkomodazzjoni alternattiva.

**Ikkonsidrat;**

Ir-rikorrenti targumenta li l-mandat ta' zgumbrament numru 343/2016 huwa null, u dan peress illi n-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern hija erroneja. Il-Qorti tqis illi din it-talba tar-rikorrenti hija nfondata ghal zewg ragunijiet:

1. L-ewwel nett, kwistjonijiet rigward il-validita tan-notifika jistghu jitressqu biss mill-persuni li ghalihom tkun diretta n-notifika. F'dan il-kaz, kienet is-socjeta Vivienne Ltd li kienet qed tigi notifika, u mhux ir-rikorrenti, ghalhekk kienet is-socjeta Vivienne Ltd biss li setghat tressaq xi ilment fuq il-validita o meno tan-notifika.

2. Barra minn hekk, jekk kien hemm xi zball fin-notifika dan ma jwassalx ghan-nullita tal-mandat in toto, izda semmai ikun ifisser biss illi din in-notifika ghandha terga tohrog, u l-intimat jinghata zmien ulterjuri biex biex iressaq xi kontestazzjoni li jista' jkollu.

Ghalhekk, it-tieni talba tar-rikorrenti qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu ghar-revoka tal-mandat ta' skumbrament ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12

Illi l-Artikolu 281(1) tal-Kap. 12 jipprovvdi li:

> "Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi" *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

Illi l-insenjament ta dawn il-Qrati huma illi sabiex tintlaqa talba ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 r-rikorrent irid jsostni xi difett ta' forma ndikat fl-Artikolu 274(1) tal-Kapitolu 12. **Vide Edward Pace vs Michael Sultana**, deciza fil-**5 ta' Mejju 2005:**

> ***"Illi l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skont il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba ikun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma***"

Vide ukoll **Joseph Spiteri vs Anthony Perry et** digriet interolukotrju deciz fl- **14 ta' Novembru 1994**. U sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta P.l.c. (C- 3177) vs Doris Conchin** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili mill-Onor. lmhallef Joseph R.Micallef fit-**28 ta' Lulju, 2011** u ikkonfermata fl-Appell:

> ***"l-ghan li ghaliha ddahlet il-procedura taht l-artikolu 281 fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li, bis-sahha tiehu, l-parti ezekutata tbaghti pregudizzju. Ghalhekk ma kinitx il-fehma tal- legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta'kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-sahha tieghu l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra";***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta, illi r-rikorrenti ghandhom ir-residenza privata taghhom f'appartament bin-numru tnejn li jinsab fil-hames sular meta ikalkulat minn Saint Anne Square Sliema, formanti parti minn blokk bl-isem Fawwara Buildings, Triq Guze Fava Street, Sliema, u li jsosstni li dan il-fond jinsab fil-pussess taghha taht titolu ta' kera.

Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2016, il-Qorti giet informata mid-difensur legali tal-Bank illi l-mandat in kwistjoni inhareg u jista jigi esegwit biss fil-konfront tas-socjetajiet cioe' Joecar Limited, Josette Limited u Vivienne Limited. Minn naha l-ohra, fir-rigward ta' Vivienne Scicluna u r-ragel taghha gew inizjati **proceduri ta' zgumbrament li ghadhom *pendente lite*** u ghalhekk m'hemm ebda talba ghall-izgumbrament immedjat ta' Vivienne Scicluna u r-ragel taghha. Fir-rigward ta' Josette Spiteri u Carmen Pace imbaghad, ghadhom ma gewx inizjati proceduri gudizzjarji ta' zgumbrament personali taghhom.

Il-Qorti wara li gharblet ix-xhieda migjuba a konjizzjoni taghha, u wara ezami tas-sentenzi ezebiti u cioe' X1 X2 u X3 taghraf li l-mandat ta zgumbrament li qed jigi mpunjat huwa **biss** kontra s-socjeta' indikata fir-rikors promotorju. Ghalhekk il-Qorti tqis illi ma ngabet ebda raguni valida il-ghaliex ghandha tirrevoka jew tissosspendi l-ezekuzzjoni tal-mandat indikat, izda taghmilha cara illi, ghalkemm it-talbiet tar-rikorrenti qed jigu michuda, il-mandat ta' zgumbrament numru 343/16 **jista' jigi esegwit biss fil-konfront ta' Vivienne Limited, u dan <u>b'eskluzjoni ta' Vivienne u Louis Scicluna, Carmen Pace u Josette Spiteri</u>**, kontra liema **ghad m'hemm l-ebda sentenza definitiva ta' zgumbrament u ghalhekk ma jistghax jigi enforzat jew ezegwit dan il-mandat ta' zgumbrament kontra dawn il-persuni ndikati meta jigi ezegwit il-mandat kontra s-socjeta Vivienne Limited.**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, **b'dan pero illi hadd mir-rikorrenti, u cioe Vivienne u Louis Scicluna, Carmen Pace u Josette Spiteri*** m'ghandhom jigu zgumbrati mill-fond numru 2 fil-hames (5) sular**

**tal-binja bl-isem ta' Fawwara Building, fi Triq Guze Fava, Sliema, ghaliex il-mandat ta' zgumbrament qieghed biss kontra Vivienne Limited.**

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**

*** u b'digriet tat-27 ta' April 2017 il-kliem **"Vivienne u Louis Scicluna, Carmen Pace u Josette Spiteri m'ghandhomx jigu zgumbrati"** gew mhassra u kkancellati u sostitwiti bil-kliem **"Carmen Pace m'ghandhiex tigi zgumbrata".**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**